MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 863/2005

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Game Invest Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 t'April 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u sebgha u tletin Liri Maltin u sebghin centezmi (Lm337.70), liema ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici mis-socjeta' konvenuta in kwantu ghal Lm286.19 Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perjodu 6 ta' Dicembru 2004 sal-5 ta' Dicembru 2005, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010756 Dok. A, rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta b'liema licenzja is-socjeta' konvenuta

giet moghtija id-dritt li xxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment “Snooker Hall”, San Giljan u Lm51.51 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-15 ta’ Marzu 2005 kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija u sebgha u tletin Liri Maltin u sebghin centezmi (Lm337.70), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------